**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 11 TA' ĠUNJU 2021**

**Rik. Revoka Nru. 95/2021 RGM**

**Rikors Revoka ppreżentat fl-24 ta' Marzu 2021 mis-sekwestrat A B fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru. 48/2021**

**fl-ismijiet:**

**C B**

**Vs**

**A B**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' A B tal-24 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu għar-raġunijiet hemm mogħtija talab lill-Qorti sabiex (1) a tenur ta' artikolu 836 (1) (b) (c) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tirrevoka l-mandat ta sekwestru kawtelatorju fuq indikat; (2) subordinatament tordna li l-mandat jibqa' fis-sehh biss fuq il-kontijiet bankarji imsemmija fir-rikors u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 836 (1)

(c) tal-Kap 12; u (3) tordna lis-sekwestranti tagħti garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali fit-termini tal-Artikolu 838A tal-Kap. 12.

Rat ir-rispota tas-sekwestranti C B tal-5 ta' Mejju 2021 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed topponi għar-rikors imsemmi.

Semgħat it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta' Ġunju 2021 fejn ir-rikors tħalla għal digriet kamerali;

Rat l-atti;

Ikkonsidrat;

**Fatti Anteċedenti r-Rikors Revoka**.

Il-partijiet qegħdin fi proċess ta' medjazzjoni bl-iskop li jesploraw il-possibilita' ta' separazzjoni konsenswali. L-intimata, is-sekwestranti C B, talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra r-rikorrent, is-sekwestrat A B, għas-somma ta' tlett mija u ħamsin elf ewro (€350,000), li skond is-sekwestranti tirrapreżenta il-pretensjoni tagħha dwar sehemha "minn flejjes, depożiti, dħul u investimenti appartenenti l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet ikkalkulati ai fini ta' dan il-mandat u b'riżerva ta' ammonti ulterjuri." Ir-rikors li wassal għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru de quo ġie intavolat kontestwalment mal-preżentata tal-ittra għall-medjazzjoni.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

Ir-rikorrent qed isejjes ir-rikors tiegħu għar-revoka totali jew parzjali tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo fuq l-Artikolu 836 (1) (b) (c) (d) u (f) tal-Kap. 12 li jipprovdi kif ġej:-

**Artikolu 836 tal-Kap. 12:-**

(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu,għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

- omissis -

(b) li waħda mill-ħtiġijiet għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;

(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew

(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;

- omissis -

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

In tema legali għandu jingħad illi fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet

għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa wieħed strettament marbut ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 836 tal-Kap. 122 filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża proprja dwar il-mertu ta' bejn il-partijiet.[1]

Il-Qorti hija wkoll gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imxekkel b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares u tikkawtela l-interessi u l-pretensjonijiet tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament. [2]

L-Artikolu 836 jipprovdi lil min jiġi milqut bil-ħruġ tal-mandat kawtelatorju, bl-istanzi meta jista' jitlob li jitneħħa jew jiġi ridott il-mandat, fost dawn wieħed isib bdil ta' ċirkostanzi kif ukoll l-għoti ta' garanzija adegwata in sostituzzjoni tal-mandat. Il-leġislatur ħoloq il-mekkaniżmu meħtieġ u spiċċattiv illi jekk il-ġudikant ikun sodisfatt illi jirriżultaw raġunijiet kontemplati fl-artikolu 836, allura l-mandat jista' jiġi revokat in toto jew in parte fi żmien qasir.

Ikkunsidrat;

Fil-każ odjern C B inizjat l-ewwel passi fi proċeduri għal separazzjoni personali billi ppreżentat ittra għall-medjazzjoni. Kontestwalment mal-ittra għall-medjazzjoni ppreżentat ukoll rikors li permezz tiegħu talbet li l-Qorti toħroġ mandat ta' sekwestru kontra żewġha għas-somma ta' €350,000.00l, liema ċiefra tirrappreżenta skond C B sehemha minn "depożiti, dħul u investimenti appartenenti l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet". Wieħed għalhekk għandu jifhem illi l-pretensjoni tas-sekwestranti hi li hemm madwar €700,000 f'depożiti, dħul u investimenti u li nofshom jappartjenu lilha.

Tajjeb jiġi rilevat illi fil-kamp tal-proċeduri għal separazzjoni personali, il-pretensjonijiet dwar l-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti ma jieħdux is-sura ta' azzjoni ġudizzjarja għal kanonizzazzjoni ta' kreditu iżda azzjoni għal diviżżjoni tal-assi tal-komunjoni. Fis-sens illi għal tali pretensjoni jistgħu b'mod kawtelatorju

[1] **C&F Building Contractors Limited vs. Emanuel Farrugia** (Rik Rev Nru 545/14 JRM) degretat fil-25 t'Awwissu 2014.
[2] **Technobroadcast Srl vs. Mediterranean Broadcasting Limited** mogħti fil-5 ta' Ġunju 2007.

jagħmlu tajjeb l-istess assi tal-komunjoni u mhux meħtieġ li bħala kawtela jinġibu assi lil hinn mill-komunjoni.

Fil-każ odjern ġara li b'effett tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mertu ta' dawn il-proċeduri, ġew sekwestrati fost l-oħrajn tlett kontjiet bankarji intestati f'isem iż-żewġ partijiet flimkien b'depożitu komplessiv ta' tmien mija u ħamsin elf ewro (€850,000).

Dawn huma:-

| | | |
|---|---|---|
| MedBank Fixed Joint Account | 3M6001140037 | €215,000.00 |
| Lombard Bank Fixed Joint A/C | 1521945672 | € 90,000.00 |
| BNF Fixed Joint Account | 59077020001 | € 80,000.00 |
| **Total** | **:** | **€385,000.00** |

Isegwi illi b'dawn it-tlett depożiti bankarji, it-tlieta intestati "Joint Account", il-pretensjoni tas-sekwestranti kif dikjarat fir-rikors tagħha għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hija adegwatament kawtelata pendenti l-eżitu tal-proċeduri ġudizzjarji ta' bejniethom.

Tajjeb jiġi rimarkat illi l-iskop ta' mandat kawtelatorju ma hux li jwaqqaf kull attivita' tas-sekwestrat iżda biss li jassigura illi una volta l-pretensjoni tiġi kanonizzata mill-Qorti, jkun hemm assi suffiċjenti sabiex is-sentenza finali tiġi eżegwita.

Tajjeb jiġi wkoll rimarkat illi l-mandat huwa ċirkoskritt b'dak indikat fir-rikors għall-ħruġ tiegħu u mhux b'konsiderazzjonijiet lil hinn minn dak hemm dikjarat.

Issib għalhekk illi jirrżultaw l-estremi kontemplati fl-Artikolu 836 (1) (c) u (f) tal-Kap. 12 u ċioe' li ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju de quo fir-rigward ta' assi oħra oltre d-depożiti bankarji fit-tlett kontijiet bankarji fuq imsemmija stante li dawn waħedhom joffru garanzija idonea għall-pretensjoni tas-

sekwestranti kif minnha stess dikjarat bħala "kawżali" fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo.

Dwar it-talba sabiex il-mandat jiġi revokat fl-intier tiegħu fuq il-pretest li huwa vessatorju, l-Qorti ssib li tali pretensjoni ma hiex fondata għaliex is-sekwestranti aġixxiet entro d-drittijiet lilha mogħtija mil-liġi sabiex tikkawtela l-pretensjoni tagħha fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċieidi r-rikors tal-24 ta' Marzu 2021 billi tiddisponi mir-risposta tas-sekwestranti konformement ma' dak hawn deċiż, u tilqgħu parzjalment bil-mod segwenti,

1. Tiddikjara illi it-tlett kontijiet bankarji fuq imsemmija joffru garanzija suffiċjentii għall-pretensjoni tas-sekwestranti kif dikjarata bħala kawżali fir-rikors li wassal għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo;

2. Tiddikjara illi ma hux raġonevoli illi l-mandat de quo jibqa' fis-seħħ fuq assi oltre t-tlett kontijiet bankarji fuq imsemmija;

3. Tordna illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 48/21 fl-ismijiet premessi jibqa' fis-seħħ biss fir-rigward tat-tlett kontijiet bankarji segwenti:-

| | | |
|---|---|---|
| MedBank Fixed Joint Account | 3M6001140037 | €215,000.00 |
| Lombard Bank Fixed Joint A/C | 1521945672 | € 90,000.00 |
| BNF Fixed Joint Account | 59077020001 | € 80,000.00 |

4. Tordna l-ħruġ ta' **kontro mandat** li permezz tiegħu l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 48/21 fl-ismijiet premessi qed jibqa' fis-seħħ biss fir-rigward tat-tlett kontijiet bankarji fuq imsemmija, u revokat fil-kumplament.

Spejjeż riżervati għas-sentenza fil-kawża fil-mertu.

**Mogħti kameralment illum 11 ta' Ġunju 2021.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**